

Brussell, 4 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0319 (NLE)**

15382/17
ADD 1

COLAC 140

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 723 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2017) 723 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2017) 723 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.12.2017
COM(2017) 723 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea

Anness

IT-TIELET PROTOKOLL ADDIZZJONALI
TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA,
KOORDINAZZJONI POLITIKA U KOPERAZZJONI
BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA,
MIN-NAĦA L-WAĦDA,
U L-ISTATI UNITI MESSIKANI,
MIN-NAĦA L-OĦRA,
SABIEX TITQIES L-ADEŻJONI
TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA FL-UNJONI EWROPEA
IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ITALJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-Partijiet Kontraenti tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Istati Membri”, u

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Unjoni”,

minn naħa, u

L-ISTATI UNITI MESSIKANI, minn hawn 'il quddiem imsejħin “Il-Messiku”,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien “il-Partijiet”,

BILLI l-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim Globali”, kien iffirmat fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 1997, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000;

BILLI l-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ġie iffirmat f'Mexico City fit-2 ta' April 2004 u fi Brussell fid-29 ta' April 2004;

BILLI t-Tieni Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ġie iffirmat f'Mexico City fid-29 ta' Novembru 2006;

Billi t-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "It-Trattat ta' Adeżjoni", ġie iffirmat fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011;

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja meħmuż mat-Trattat ta' Adeżjoni, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim għandha tiġi miftiehma bil-konklużjoni ta' Protokoll tal-Ftehim.

BILLI skont l-Artikolu 55 tal-Ftehim, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, "il-Partijiet" tfisser, min-naħa, il-Komunità jew l-Istati Membri tagħha jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, skont l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, kif derivat mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u, min-naħa l-oħra, il-Messiku;

Billi skont l-Artikolu 56 tal-Ftehim, dan il-Ftehim japplika għat-territorju li fih it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea huwa applikat taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, min-naħa l-waħda, u għat-territorju tal-Messiku, min-naħa l-oħra;

BILLI skont l-Artikolu 59 tal-Ftehim, il-Ftehim tfassal f'dupplikat fil-lingwa Daniża, Olandiża, Inġliża, Fjillandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Taljana, Portugiża, Spanjola u Svizzera, b'kull waħda minn dawn il-lingwi tkun awtentika bl-istess mod;

Billi l-Ewwel Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim jieħu kont tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni;

BILLI l-Ftehim ġie awtentiċizzat fil-lingwa Ċeka, Estonjana, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka u Slovena bl-istess kundizzjonijiet bħall-verżjonijiet miktuba bil-lingwi oriġinali tal-Ftehim;

BILLI t-Tieni Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim iqis l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni;

BILLI l-Ftehim ġie awtentiċizzat fil-lingwa Bulgara u Rumena bl-istess kundizzjonijiet bħall-verżjonijiet miktuba bil-lingwi oriġinali tal-Ftehim;

BILLI l-Artikolu 5(3) ta' dan il-Protokoll jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha qabel ma jkunu tlestew il-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja qiegħda b'dan tiġi inkorporata bħala Parti fil-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra.

ARTIKOLU 2

1. Wara l-iffirmar ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni għandha tikkomunika l-verżjoni bil-lingwa Kroata tal-Ftehim lill-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti Messikani.

2. Suġġett għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-protokoll, il-verżjoni bil-Kroat għandha ssir awtentika bl-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet tal-Ftehim bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Netherlandiża, Inġliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, u Żvediża.

ARTIKOLU 3

Dan il-Protokoll għandu jiffirma parti integrali mill-Ftehim.

ARTIKOLU 4

Dan il-Protokoll għandu jiġi kkompilat f' duplikat bil-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Frañċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

ARTIKOLU 5

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi ffirmat jew approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri interni meħtieġa għal dan il-għan ikunu tlestew.

3. Minkejja l-paragrafu 2, il-Partijiet jaqblu li, sakemm jitlestew il-proċeduri interni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll mill-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jagħtu notifika dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom li huma meħtieġa għal dak l-iskop u l-Messiku jagħti notifika tat-tlestija tal-proċeduri interni tagħha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

4. In-notifiki għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li se jkun id-depożitarju ta' dan il-Protokoll.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji sottoskritti, mogħtija s-setgħa għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi....., dan..... jum ta'fis-sena.....

GĦALL-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGħHA

GĦALL-ISTATI UNITI MESSIKANI